1. X'XOGHOL KIEN JAGHMEL SAN GUZEPP?

Guzeppi seta' kien il-*handyman* tal-inhawi fejn kien



joqghod.

Hafna drabi certi frazijiet bibbli ma kienux jigu tradotti precizament. Hu per ezempju it-traduzzjoni komuni ta' Mattew Kap 13 vers 55. In-nies ta' Nazaret jistaqsu dwar il-qawwa divina ta' Gesu' : "Dan mhux iben il-mastrudaxxa?"

Dan ovvjament b'referenza ghal Guzeppi li tradizzjonalment nafuh bhala "mastrudaxxa." It-

traduzzjoni wasslet ghal rapprezentazzjonijiet bla ghadd ta' Guzeppi fl-arti Kristjana bhala ragel jahdem fil-hanut ta' l-injam tieghu, jaghmel siggijiet, u mwejjed il-jum kollu.

*It-tifsira Griega ta' "mastrudaxxa"*

Madankollu, il-kelma uzata f'din is-silta mhix dejjem daqshekk cara u specifika.  Is-silta originali Griega tiddeskrivi lil Guzeppi bhala "Tekton" li kellu diversi tifsiriet fid-dinja tal-qedem. L-gherq "tek" jew "Teks" jista' jfisser qtugh jew mudellar b'mannara, izda jirreferi wkoll ghall-insig, il-bini, il-fabrikazzjoni jew it-tghaqqid. It-tektones wkoll huma tip ta' nies li jahdmu kull tip ta' materjal u ghodda.

Is-silta originali Griega tiddeskrivi lil Guzeppi bhala "tekton," li kellu diversi tifsiriet fid-dinja tal-qedem. Skont studjuz wiehed , "Etimologikament, it-terminu Grieg tektōn jista' jigi rintraccat lura ghall-gherq Indo-Ewropew tek- jew teks- li jfisser qtugh jew mudellar b'mannara, izda jirreferi wkoll ghall-insig, il-bini, il-fabbrikazzjoni u t-tghaqqid." Barra minn hekk, "passaggi mill-*Iliad and the Odyssey (letteratura griega)* juru li t-tektones jahdmu b' kull tip ta' materjal u ghodda."

*Haddiem b'hiliet kbar*

Dawn l-irgiel kienu haddiema ta' sengha kbira.  Kummentatur jispjega kif tekton jista jkun semplici mastrudaxxa, imma jista' jfisser ukoll kaptan tas-sengha, li jahdem jew fl-injam jew fil-gebel. It-tekton kien persuna li kull rahal kien jiddependi fuqha

jew biex jibni d-dar tieghu jew biex jibni bieb li jaqfel sew. Dawn l-irgiel kienu haddiema ta' sengha kbira.

Fi kliem iehor, Guzeppi u ibnu, Gesù, kienu l-haddiema ta' min ried jibni dar ghal familja li qed tikber.

Mod iehor kif tiddeskrivi lil Guzeppi hu li seta kien il-handyman ta' l-inhawi li jghin lil kulhadd fil-progetti tieghu, kbar jew zghar. Kelma ohra biex tiddeskrivih hija "sengha".

Din l-interpretazzjoni titfa aktar dawl fuq il-hidma ta' San Guzepp u ta' Gesu' jigru madwar ir-rahal fuq talba tal-kljenti taghhom biex jirrangaw id-djar jew progetti taghhom. Dan jista' jispjega ukoll ghala kulhadd f'Nazaret kien jaf lil Gesu' bhala iben il-mastrudaxxa.

Fl-ahhar, filwaqt li jista' jkun veru li Guzeppi kien mastrudaxxa kif nahsbu normalment, jista' jkun ukoll li seta' kien il-*handyman* b'sengha fix-xoghlijiet fl-injam, daqskemm kien fil-gebel jew xi materjal iehor.